# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 44

Mejju - Ġunju 2001



# EDITORJAL



## Ħbieb Ħuttaf,

Kulltant jistaqsuni: "Intom tal-BirdLife kif taqbżu għall-għasafar, imbagħad ma taqbżux għat-tiġieġ? It-tiġieġ mhux għasafar ukoll?"

Ħeqq, veru li t-tiġieġ huma għasafar, dik żgur ma nistax immerieha!

Imma r-raġuni hija sempliċi. Il-BirdLife hija għaqda li tiddefendi l-għasafar selvaġġi, jiġifieri dawk li mhumiex imrobbijin min-nies. Dawn l-għasafar kull ma jridu minn għandna huwa li nħalluhom jgħixu fi kwiethom fl-ambjent naturali tagħhom.

U hawn hi l-problema!!! Donnu aħna l-bnedmin m'aħniex kapaċi ngħixu bla ma nagħmlu l-ħsara lin-natura! Kull sena jmutu miljuni kbar ta' għasafar selvaġġi bil-kaċċa, bl-insib, bis-serq tal-bajd u tal-bejtiet, bl-ivvelenar, jew inkella bil-qerda tal-ħabitat tagħhom, speċjalment foresti u *wetlands*.

Tafu li fid-dinja hawn **1186 speċi ta' għasafar li daqt jisparixxu għal kollox**? Mhijiex ċajta, tafux! Araw ftit xi ħsara qed nagħmlulha lid-dinja! U la t-tort huwa tan-nies, issa huwa d-dmir tagħna li nippruvaw insolvu kemm nistgħu minn dawn il-problemi. U min hemm biex jiddefendihom lill-għasafar? Ħadd ħlief għaqdiet bħall-BirdLife...

BirdLife Malta u għaqdiet bħalna f'pajjiżi oħrajn (li flimkien nissejħu **BirdLife International**) dejjem għaddejjin bla nifs biex niddefendu l-għasafar madwar id-dinja. Din il-problema kbira rridu nsolvuha bix-xogħol tagħna bla waqfien favur l-għasafar u n-natura. U bilkemm nistgħu nleħħqu, għax il-ħsara hija kbira wisq!

Naturalment, l-għasafar domestiċi li jitrabbew bħala pets jew għall-qatla għandhom ukoll il-problemi tagħhom, eż moħqrija kbira waqt it-trobbija. Imma b'xorti tajba fid-dinja jeżistu għaqdiet ukoll li jiddefendu l-annimali domestiċi. Din hija ħaġa sewwa ħafna, u j'alla jirnexxilhom!



Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Kompetizzjoni 44 | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| It-Tertuxa | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Kun Berdwoċer 3 | 7 |
| Ittri | 8 |
| Spot natura | 8 |
| Attivitajiet | 9 |
| Imlebilbin! | 10 |
| Itfu ftit id-dawl! | 10 |
| Mur aqbad ktieb | 11 |
| Biex niċċajta! | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Kollox doppju! | 12 |



**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magażin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**



Materjal minn Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' isem il-magażin u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Leblieb tax-xagħri** (ritratt ta' Desirée Falzon)
Faċċata ta' wara: **il-formola ġdida ta' sħubija fi Klabb Ħuttaf**
Films: Gutenberg Press
Stampat: Poulton's Print Shop, Ġunju 2001


Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Ħuttafa*** kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.




# Tmienja, l-aħwa!

Il-**monakella** (little ringed plover) bdiet tbejjet Malta fl-1995. Minn dik is-sena 'l hawn, par monakell bejtu kull rebbiegħa fir-riserva ta' l-Għadira, għalkemm ma nafux hux dejjem l-istess għasafar. B'xorti ħażina l-flieles mhux dejjem jgħixu kollha. Dis-sena wkoll bejtu l-monakell u faqqsu **erba' frieħ,** kibru kollha u issa tgħallmu jtiru wkoll! Dan għalina kien numru rekord! Mhux biss - ftit ġranet wara, tfaċċaw **erba' flieles ġodda**, u dawn kienu **minn par differenti**! Rekord ieħor - l-ewwel darba li bejtu żewġ pari! Mhux biss! L-ewwel par reġa' qed isaħħan bejta bajd oħra!




Sewwa qalet il-venewwa! Grazzi lill- voluntiera kollha li għenuna fl-istend, u grazzi speċjali lil Liz Curmi li organizzat kollox!

## Wild West!



Min mar l-Għadira l-Ħadd 6 Mejju kellu spettaklu, għax niżel ġmiel ta' **fjamingu** (greater flamingo) u qagħad il-ġurnata kollha! Imma filgħaxija xi 6 irġiel (kaċċaturi bla dubju) marru wara r-riserva u bdew jagħmlu l-istorbju u jxejru l-flokkijiet apposta sa ma gerrxuh. Però aktar tard il-fjamingu reġa' daħal fir-riserva. L-istorja tkompli... Bil-lejl xi kawboj qatta' r-rixtellu tar-riserva u daħal ifittex il-fjamingu. Imma t-tajra kienet telqet u ma nstemax sparar bil-lejl!

**Araw ftit x'pajjiż qed ngħixu fih!**

# KOMPETIZZJONI 44



*NORMAN CHETCUTI*
*MrFishy*

## Ħut moħbi

Din it-tifla qabdet ħuta żgħira. Povra ħuta! Però hemm **tmien ħutiet** oħrajn ħafna ikbar taħt imnifsha qed jidħku biha. Xogħlok hu li ssibhom. Sib ukoll **baliena** u **kelb il-baħar**. Jiġifieri b'kollox trid issib għaxar annimali moħbijin. Il-ħuta li qabdet it-tifla ma tgħoddx!

Ħu fotokopja ta' l-istampa (tqasqasx il-magażin għax titlef fil-pront!), immarka fuqha fejn huma l-annimali moħbijin u ibgħatha fl-indirizz paġna 2, flimkien ma' ismek u l-indirizz. Ċans għandek sat-**30 Ġunju 2001**. Ir-rebbieħ jingħata **ktieb dwar in-natura**



Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni 43 kien **Simon Sultana** mill-iMdina. Lil Simon nifirħulu u nitolbuh jikkuntattja ċ-Ċentru BirdLife ħalli jkun jista' jmur jiġbor il-premju tiegħu.












# Il-Ġappun iħobbuh wisq il-ħarpun!

Flotta ta' *whalers* (vapuri mibnijin apposta għall-kaċċa tal-balieni) Ġappuniża irritornat lura f'pajjiżha ftit ilu, wara kaċċa mill-iktar kontroversjali. Din il-flotta qatlet 440 balieni minke, u iktar kmieni din is-sena, qatlet ukoll 43 balieni Bryde, 40 balieni minke oħrajn u 5 gabdolli (sperm whale). Filwaqt li l-baliena minke għadha komuni mhux ħażin, il-Bryde u l-gabdoll huma mhedda.

Fl-1986 l-International Whaling Commission (IWC) kienet qatgħet il-kaċċa kummerċjali tal-balieni, imma l-Ġappun baqa' jaqbad il-balieni taparsi għal riċerka xjentifika! B'min iridu jidħqu?!

Din il-qabda qajmet kontroversja kbira. L-440 minke inqabdu mis- Southern Ocean Sanctuary fl-Antartiku, li fih suppost li ma ssir ebda kaċċa għall-balieni. Barra min hekk, il-Ġappun irid jerġa' jiftaħ in-negozju kummerċjali tal-balieni - xejn ġdid għall-Ġappun, li l-laħam mill-balieni li jaqbdu "għax-xjenza" jispiċċa kollu fir-ristoranti!

Iffissati, xbin, u bl-ikrah ukoll!





# Lura minn xifer l-irdum!

Il-golden lion tamarin *Leontopithecus rosalia* huwa tip ta' xadina żgħira li tinstab fl-Amerka t'Isfel. Sa ftit ilu dan kien wieħed mill-iktar annimali rari fid-dinja - fis-Sebgħinijiet kien baqa' inqas minn 200 fis-selvaġġ. Illum, wara ħafna snin ta' xogħol mill-Golden Lion Tamarin Conservation Project, f'Marzu tħabbar li l-popolazzjoni telgħet għal elf!

Il-golden lion tamarin ilu s-snin jinqabad u jinżamm bħala pet. Imma l-ikbar theddida lil dan l-annimal hija l-qerda tal-ħabitat tiegħu. Għalhekk l-istess proġett qed jipprova jżid u jipproteġilu l-ħabitat fl-Atlantic Forest tal-Brażil. Dil-foresta darba kienet kbira miljun km$^2$ (daqs l-Eġittu) - illum baqa' biss 7% minnha!

Il-golden lion tamarin huwa wieħed mill-ftit annimali li reġa' ddaħħal b'suċċess fin-natura wara li trabba fil-magħluq. Bħalissa hemm mal-140 żu li qed irabbu popolazzjonijiet ta' dan l-annimal. Minkejja l-fatt li t-twelid ta' l-1000 tamarin huwa sinjal ta' suċċess kbir, it-taqbida għall-ħarsien tiegħu għadha ma ntrebħitx. Huwa stmat li jrid ikun hemm mill-inqas 2000 individwu fis-selvaġġ biex din l-ispeċi jkollha ċans tirkupra sew. U skoss foresta fejn tgħix!




# it-tertuxa

**Għal min jaħseb li f'Malta m'għandna xejn, niżgurah li pajjiżna jżuruh numru sabiħ ta' tajr, fosthom tajr tal-plajja. U tiġri ma' saqajn dan it-tajr, tħaffef u tnaqqi mit-tajn, spiss insibu lit-tertuxa!**

It-tertuxa hija żgħira ħafna - kemm kemm iżgħar minn għammiel tal-Bejt fil-fatt.



## il-kuġina...

Barra t-tertuxa l-komuni, f'Malta ġieli tidher ukoll it-**tertuxa griża** (Temminck's stint). Hija ftit differenti mit-tertuxa għax saqajha huma ċari u meta ttir jidher rix abjad fit-truf ta' denbha. L-għajta wkoll hija differenti ħafna u tagħmel "trrrrit" qisha werżieq. It-tertuxa griża hija skarsa, imma tidher kull sena waqt il-passa.

Bħall-għasafar tal-plajja kollha, it-tertuxa għandha munqar irqiq u ftit tawwali, u saqajn tawwalin. Dawn huma utli ħafna biex l-għasfur jaqbad insetti, dud u molluski żgħar li jsib fit-tajn jew qalb il-blat tax-xatt. F'Malta, fejn m'għandniex wesgħat ta' tajn (*mudflats*), mhux l-ewwel darba li t-tertux jidher ifittex l-ikel qalb l-għadajjar li jiffurmaw fil-blat. Fis-sajf kemm-il darba ssib xi tertuxa tippassiġġa max-xatt viċin l-għawwiema, tnaqqar il-bebbux irqiq li jgħix fil-ħofor fil-blat.

Bħala kuluri, it-tertuxa ma tantx tagħti fil-għajn. Hija kafellatte minn fuq b'xi strixxi qosra skuri, u bajda minn taħt. Saqajha u munqarha suwed. Meta ttir tgħajjat "pji-pji-pji..." mgħaġġla.

It-tertuxa tbejjet fil-pajjiżi tat-tramuntana, ngħidu aħna fl-iSkandinavja u s-Siberja. Peress li dawn huma nħawi kesħin ħafna fix-xitwa, it-tertuxa tpassi. Fil-ħarifa, wara li tkun bejtet, ittir 'l isfel lejn pajjiżi aktar sħan u fir-rebbiegħa terġa' lura f'artha.

L-istaġun tal-bejta tat-tertuxa huwa qasir - bejn Mejju u Lulju, fil-fatt. Dan għaliex fl-inħawi fejn tbejjet, is-sajf huwa qasir ħafna u x-xitwa kiefra immens. Allura t-tertuxa u tajr ieħor jippruvaw irabbu l-frieħ u jpassu malajr kemm jista' jkun.

F'Malta t-tertuxa narawha darbtejn fis-sena, waqt il-passa. Hija komuni bejn April u Mejju, u forsi iktar komuni bejn nofs Lulju u Settembru. Xi waħdiet ġieli jidhru f'xhur oħra tas-sena. L-aħjar post biex naraw it-tertuxa huwa bla dubju r-riserva ta' l-Għadira. Waqt żmien il-passa rari tisbaħ ġurnata li ma jkunx hemm ftit tertux jistrieħ u jiekol, u ġieli jidhru kwantitajiet imdaqqsin wkoll. It-tertuxa hija fil-fatt waħda mill-għasafar tal-plajja l-iktar komuni f'Malta.

Is-Salini ta' ħdejn Kennedy Grove huwa post ieħor tajjeb ħafna għall-osservazzjoni tat-tajr tal-plajja. Però ma nagħtikomx parir li tmorru s-Salini, għax għalkemm dan il-post huwa suppost santwarju, għadha ssir fih ħafna kaċċa illegali.

Mill-bqija, it-tertux tista' tinzertah kullimkien mal-kosta fejn il-blat ikun baxx, u spiss jinżel jistrieħ. Interessanti ngħidu li minn studju bir-ringing li ilu jagħmel għal ħafna snin Charles Gauci, il-gwardjan tar-riserva ta' l-Għadira, instab li t-tertux ġieli jibqa' fostna diversi granet. Waqt dan iż-żmien jidher jiekol kontinwament u jżid ħafna fil-piż. Dan biex jibni ħażna ta' xaħam, li sservih bħala sors ta' enerġija għal waqt il-passa.

**Mela qabel ma xi ħadd jgħid li f'Malta ma jgħaddi xejn, jagħmel tajjeb iħares sewwa!**

Ingliż: **Little stint**
Xjentifiku: ***Calidris minuta***

*MARK ANTHONY FALZON*

# GALLERIJA

**zakak abjad**
sarah camilleri 11



**seqer tal-ħanniqa**
jeffrey sciberras 11



**rożinjol**
mark cardona 9



**skwiril**
shanel scirina 9



**fjamingu**
jean paul mifsud sajdon 10



**ċinju**
chris scalpello 12





**pagun**
jennifer hannaford 8




**pitirross**
joseph cassar 14



**żanżarell**
roderick chetcuti 13



**ħallini ħieles**
rosette said sarreo



**leopard jistrieħ**
christian buttiġieġ 11

**Jekk tixtiequ t-tpinġija tagħkom tidher f'Il-Ħuttafa, agħmlu hekk:**

- pinġu dejjem fuq karta bajda
- tpinġux ikbar minn din il-paġna
- pinġu b'linka sewda, qatt bil-kulur
- tpinġux annimali domestiċi
- iktbu isem l-annimal jew pjanta.
- iktbu isimkom u l-età

Kull tpinġija li nġibu tieħu **3 punti** fil-**Ħuttafa tas-Sena 2001**.

# Kun berdwoċer

## X'għandna nagħmlu biex ingawdu l-għasafar aħjar



**Issa li jiena ċert li tgħallimtu kif tirrispettaw in-natura, niġu biex induru dawra ma' x'għasafar nistgħu naraw f'Malta. Il-lista hija twila u għalhekk se jkollna nqassmuha fuq żewġ ħarġiet tal-magażin.**

Biex na jkollniex geġwiġija sħiħa, l-għasafar l-aħjar li nduruhom skond iż-żmien tas-sena li narawhom. Għalhekk inqassmuhom fi 4 gruppi, li huma:

- **għasafar tas-sena kollha**
- **għasafar tax-xitwa**
- **għasafar tas-sajf**
- **għasafar tal-passa**

F'dil-ħarġa ser nduru dawra l-ewwel żewġ gruppi. L-oħrajn nagħmluhom darb'oħra.

## Għasafar tas-sena kollha

F'Malta għandna xi 10 speċi ta' għasafar li jissejħu residenti. X'jiġifieri? Jiġifieri dawn huma għasafar li joqogħdu magħna s-sena kollha, matul l-erba' staġuni. Ifaqqsu, jikbru, ibejtu u jmutu hawn! Ma jpassux.

Lejn Marzu-April ħafna minnhom iħejju għall-bejta u għal Mejju jkunu bil-flieles. Fost dawn hemm il-**gallozz iswed**, il-**bagħal ta' l-għolliq**, il-**bufula sewda**, il-famuż **merill** u naturalment l-**għasfur** (jew **għammiel**) **tal-bejt**, li jbejjet kullimkien u komuni f'Malta daqs it-trab! Oħrajn jaħsbu anke aktar kmieni minn hekk - il-**bagħal ta' l-imrewħa**, l-iżgħar għasfur li jbejjet f'Malta, jaf ikun diġà bil-bejta fi Frar! Mill-banda l-oħra l-ikbar għasfur li jbejjet f'Malta huwa l-**gawwija prima**, li tbejjet fil-biċċa l-kbira fuq Filfla biss.

Dan huma għasafar li matul ħajjithom ma jpassux, imma jgħixu fl-istess roqgħa art. U bħalhom jagħmlu daqs terz mill-għasafar kollha tad-dinja. Dan ifisser li l-art fejn jgħixu tkun komda għalihom is-sena kollha, tant li l-għasafar ma jħossux il-bżonn li jfittxu x'imkien ieħor. Imma mhux l-artijiet kollha huma hekk...

## Għasafar tax-xitwa

Fix-xitwa l-artijiet tat-tramuntana, bħal per eżempju l-pajjiżi ta' Ewropa ta' Fuq jitgħattew b'tapit abjad ta' borra u silġ. F'ambjent bħal dan l-insetti jew imutu jew jistaħbew, u allura ħafna għasafar li jiddependu mill-insetti ma jsibux x'jieklu. L-istess jiġrilhom għasafar li jħobbu artijiet umdi, xmajjar u għadajjar. X'jagħmlu dawn jekk jiffriżalhom l-ilma?

Għalhekk dawn l-għasafar ikollhom ipassu 'l isfel lejn l-Afrika, mhux għall-vaganza, imma għal bżonn serju! Isiefru sakemm isibu art aktar sħuna fejn l-insetti u annimali żgħar oħrajn ma jkunux sparixxew. Ħafna minnhom jgħaddu minn fuq Malta kważi kważi bla ma jieqfu. Imma għal xi għasafar, il-kesħa tax-xitwa Maltija mhi kesħa xejn. Anzi, għalihom tkun sħana biżżejjed biex iqattgħu xhur xitwin magħna. Hemm xi 40 speċi ta' għasafar li jagħmlu dan, u ħafna minn dawn huma għasafar żgħar bħaz-**zakak abjad**, il-**pitirross** u l-**buċaqq tax-xitwa**. Hemm l-**alwetta** u l-**pespus**, li jfittxu l-beraħ, u l-**malvizz** li jfittex il-kenn tas-siġar. Jiġi wkoll il-**bulebbiet**, l-unika speċi mir-razza tal-*woodpeckers* li tpassi.

Biex tosserva l-għasafar tax-xitwa anke ġnien jista' jkun tajjeb - il-**vjolin tax-xitwa**, per eżempju, spiss narawh jaqbeż qalb il-friegħi tas-siġar tal-frott u l-**kudirross iswed** iħobb l-ambjent mibni!

Mill-banda l-oħra għal ċerti speċi bħat-**tiġieġa tal-baħar** trid tmur f'post partikolari, ngħidu aħna r-riserva ta' l-Għadira, għax dik hemm biss issib l-ambjent ideali għaliha. Oħrajn ifittxu l-portijiet u l-bajjiet, bħall-**gawwija rasha sewda**, il-**blonġun sekond** u l-**għasfur ta' San Martin**.

**Huwa importanti għalina l-berdwoċers li nkunu nafu x'għasafar jiġu u ż-żmien li jiġu fih. Din tgħinna ħafna biex nevitaw ħafna żbalji u jkun iktar faċli għalina biex nagħrfu xi għasfur misterjuż li nkunu rajna!**



Il-merill jgħix magħna s-sena kollha

JUSTIN VASSALLO



Arnold Sciberras

# Mhux ta' Filfla!!!

Għażiż Editur,

L-ewwelnett prosit tal-magażin. Jien u ħija Arnold (forsi tafu) akkaniti ħafna fin-natura Maltija. Kif kulħadd jaf, meta l-gremxul u l-wiżgħat jinqatgħalhom denbhom, ftit żmien wara jerġa' jitla' ieħor ġdid, imma rarament flok wieħed jitilgħu tnejn. Din nafu li ssir fil-gremxul kollha (u mhux ta' Filfla biss). Ftit ilu kont Ħ'Attard f'post nafuh bħala Wied il-Barriera u bqajna skantati. Sibna wiżgħa tal-kampanja b'denb maqsum fi tnejn.

Ħija ma setax jemmen għax b'dan id-difett sab 18-il gremxula (f'xi tliet snin) imma wiżgħa qatt. Hu ħadilha xi qisien u xi ritratti (dan hu wieħed minnhom) imbagħad reġa' telaqha. Għadu biss imfixkel fuq il-kuluri tagħha għax kienu xi ftit differenti.

Nixtieq li r-ritratt jiġi publikat fuq *Il-Ħuttafa* biex nuri kemm in-natura hija meraviljuża u kemm għandna napprezzawha. Mill-ġdid grazzi tax-xogħol tagħkom.

**Jeffrey Sciberras**
Għadira

*Għażiż Jeffrey,*

*Grazzi ta' l-ittra interessantissma u tar-ritratt. Ma kontx naf li l-gremxul b'żewġt idnieb huma daqshekk komuni! Tmintax, eh! Ngħid għalija darba għadni rajtu dal-fenomenu! Imsomma, juri kemm verament iżżommu għajnejkom miftuħin!*

*Ippermettili nikkoreġik tikka. Inti għedtli li kulltant itellgħu żewġt idnieb. Mhux eżatt, imma li jiġri hu li l-ewwel wieħed ma jitqaċċatx kompletament, imma jibqa' mdendel u sadattant jikber il-ġdid mill-qasma. Fil-fatt jekk tinnota (anke fir-ritratt tiegħek tidher din) wieħed mid-dnieb huwa itwal. Dak ikun id-denb l-antik, il-ġdid ikun iqsar u inqas flessibli!*

*Dwar il-kuluri, li nista' ngħidlek huwa li l-wiżgħa tal-kampanja tvarja immens, minn kafellatte sa kważi sewda.*

*Imsomma, Jeff, prosit ta' kemm intom naturalisti tajbin, u sellili għal ħuk (nafu, nafu!)*

*L-Editur*

**Spot Natura**



Is-sajf reġa' wasal u l-ħdura fil-kampanja battiet sew. Kważi kollox nixef taħt il-qilla tax-xemx. Imma daqqa t'għajn madwarna turina li hemm pjanti li kapaċi, b'xi mod, jibqgħu jħaddru. Bħall-busbież, per eżempju!

Il-busbieża hija pjanta komuni ħafna li tikber kważi kullimkien, imqar fl-iżjed għalqa mħarbta u żdingata. Tikber wieqfa wieqfa, u ġieli togħla sa 3 metri. Għandha weraq sabiħ, irqiq, delikat u jfuħ. Tiskanta kif jirnexxilha tibqa' tħaddar bla ma tirċievi lanqas qatra ilma. Mhux talli hekk, talli jekk l-għalqa fejn tkun qed tikber tinħaraq, il-busbież ikun minn ta' l-ewwel li jerġa' jarmi weraq ġdid.

# Il-busbież

Bħalissa l-busbież ikun imżejjen b'bukketti fjuri sofor u żgħar. L-ewwel darba li tarahom, ħares lejhom sew dawn il-bukketti u għodd kemm speċi ta' insetti tara fuqhom. Għal dawn l-insetti (fosthom il-farfett tal-busbież) żgur li din mhix "ħaxixa ħażina", kif isejħulha ħafna nies.

Wara kollox, pjanti selvaġġi hawn kemm trid, imma għadni qatt ma ltqajt ma' ħaxixa li għamlet xi ħaġa ħażina!

*JASON ALOISIO*

# Kemmuna no go!

Kif jafu dawk il-membri li ġew għall-ħarġiet ta' Kemmuna, sfortunatament kellna t-temp kontrina d-darbtejn li ħriġna! L-ewwel ħarġa kellna x-xita u baħar grigal, u t-tieni ħarġa niżel ċpar taqtgħu b'sikkina! Imsomma, spiċċajna ħassarna ż-żewġ ħarġiet (ħlief tat-13+), u minflok qbiżna qabża sar-riserva ta' l-Għadira. Iddispjaċiena ftit, imma ħadna gost xorta!



## Hawn ħbieb,

13 plus

*B'xorti tajba għalina li ma marrux Kemmuna l-Ħuttaf iż-żgħar!!!*

*Aħna tat-13+ konna telgħin mal-lanċa tal-lukanda. Imma bejn li tal-linja telqet tard, bejn li tal-lanċa ma stennewniex, spiċċajna tlifnieha! Sadattant waslet il-lanċa li kienu krew il-Ħuttaf -13. Iżda dawk issoponew li jitqawwa l-baħar, u hekk ħtafna l-okkażjoni u tlajna aħna! Sewwa jgħid il-Malti: Min ma daħalx mill-bieb daħal mit-tieqa!*

*Billi tassew kien kemmxejn riħ, l-għasafar żammew fil-baxx. Għalhekk malli wasalna l-Blue Lagoon laqgħetna dehra mill-isbaħ ta' qtajja' mħallta ta'* ***ħawwief, ħuttaf*** *u* ***ħawwief tax-xtut. Buċaqq tas-silla*** *u* ***żanżarell tat-tikki*** *jittajru kull fejn iddawwar rasek! Imxejna għat-torri, u minn hemm għall-fortizza, li laqgħetilna ftit mix-xita. Wara nżilna fil-kamra (issa kamra għandna, mhux aktar tinda!!!) fejn kien hemm ir-ringers. Wara x-xogħol li għamlu xi voluntiera tal-BirdLife, fosthom anke wħud minnkom stess, minn dis-sena r-ringers jistgħu jibdew joqogħdu fi kmamar. B'hekk ir-ringing fuq Kemmuna issa mhux jibqa' jsir f'April u Mejju biss, imma anke f'Ottubru, Novembru u Marzu. Ir-ringers urewna diversi speċi ta' għasafar, waqt li aħna osservajna l-****bgħadan*** *u* ***spanjuletti*** *li kien hemm jittajru ma' Kemmuna.*

*Kif konna qegħdin hemm, tajna wkoll daqqa t'id lir-ringers u tellajnielhom xi laned ilma. Imbagħad ġirja biex nilħqu l-lanċa lura Malta. Nifisna maqtugħ ilħaqnieha hi u sejra.*

*Issa anke jien nifsi maqtugħ, għax erġajt ħallejt għall-aħħar biex nikteb dal-kelmtejn... hemm bżonn li tibdew tgħinuni intom tafux!*

*Narakom fil-ħarġiet li jmiss.*

**Justin Vassallo**

# Kwiżż, ikel u rigali!

Għandna attività għalikom biex titgħallmu, tiddevertu u tirbħu. Imsomma, is-soltu ta' Klabb Ħuttaf!
**L-ewwel** se jkollna taħdita bis-slajds dwar ħabitati ta' Malta.
**Imbagħad** se nagħmlu kwiżż ibbażat fuq dak li tkunu smajtu.
**Imbagħad** nagħtu l-premji lit-tim jew timijiet li jirbħu.
**Imbagħad** ħa nqassmu wkoll ir-rigali lil **dawk li ġew il-maratona ta' Marzu, jiġifieri dawk li qegħdin fil-lista f'Ħuttafa 43 (paġ3) tajjeb li jiġu!**
**Imbagħad** se jkollna x'innaqqru u nlegilgu,
**Fl-aħħar**... fl-aħħar naħseb li jkun sar il-ħin!!!






Data: **28 Ġunju 2001**
Ħin: **6pm - 8pm**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Dħul: **75ċ**
Età: **Ħuttaf kollha**
Ċemplu **347646*** biex tibbukkjaw, mhux wara 26 Ġunju 2001

*(Tnejn-Ġimgħa 9am-1pm)

# Xogħol u għaraq!

**Għandkom aptit xebgħa xogħol?!** Owkej, mela tlaqna nagħtu daqqa t'id fir-riserva ta' l-Għadira. Hemmhekk ikun hemm xogħol bir-rimi x'tagħmel, speċjalment fix-xhur "il-kwieti" jiġifieri meta ma tantx ikun hemm għasafar fir-riserva. Il-gwardjan żgur li mhux se jiddejjaq bi skoss idejn lesti għax-xogħol!

Mela tonqsux. Ejjew nagħmlu xi ħaġa ta' ġid għall-BirdLife, imbagħad nagħmlu xi ħaġa ta' ġid għas-sħana li jkollna fuqna... ġirja għall-baħar!!!




Data: **7 Lulju 2001**
Niltaqgħu:
**8am ħdejn tal-ħalib Bieb il-Belt** jew
**9am il-venda ta' l-Għadira**
Nispiċċaw: **6pm**
Età: **Ħuttaf 13+**

# Fatati u vampiri!

Tiggustaw tqattgħu lejl mal-fatati u mal-vampiri? Mela ejjew magħna Ta' Ċenċ, Għawdex. Il-fatati ħa jkunu ċ-**ċief**, li nisimgħuhom bil-lejl inewħu bla ma narawhom - u xbin alla ħares ma tkunx taf x'inhuma għax titwerwer! U l-vampiri? Il-vampiri jiġu għax jixorbulna demmna! U x'nagħmlu biex ma jattakkawniex il-vampiri? Slaleb? Ilma mbierek? Tewm? Le, bizzejjed stoċċ repellant, għax il-vampiri mhuma xejn ħlief nemus!

Se nqattgħu lejl f'Ta' Ċenċ maċ-ċief u ma' sema kwiekeb, u l-għada filgħodu se nimxuha sax-Xlendi u nagħmlu l-bqija tal-ġurnata ngħumu u nitgħażżnu!

Data: **Is-Sibt 21 Lulju 2001**
Niltaqgħu:
**3pm ħdejn tal-ħalib Bieb il-Belt** jew
**4pm iċ-Ċirkewwa** jew
**4.30pm l-iMġarr Għawdex**
Lura Malta: **Il-Ħadd f'xi 6pm**
Età: **Ħuttaf 13+**



# Imlebilbin!




Il-leblieb huma pjanti li jiġbdu l-għajn minħabba l-fjuri kbar u kuluriti. F'Malta għandna tmien speċi ta' leblieb, u faċli tagħrafhom għax il-fjuri qishom il-widna tal-*gramophones* ta' żmien il-bużnanniet! Hemm minnhom komuni ħafna, bħalma hija l-**leblieba tar-raba'**, u hemm minnhom skarsi, bħalma hija l-**leblieba kaħla**. Din ta' l-aħħar għandna fjura b'dawra kaħla ma' barra, dawra bajda fin-nofs, imbagħad dawra safra ġewwa nett.





Ħbieb, naf li forsi ħafna minnkom, speċjalment iż-żgħar, tħobbu tiġbru l-bebbux minn ħdejn xatt il-baħar. Jekk jogħġobkom aqtgħuha din id-drawwa. Dawk il-qxur jistgħu jkunu kollha djar fejn ngħix jien! Naf li intom ta' Klabb Ħuttaf tifhmuni! Grazzi ħafna ħbieb, u gawdu s-sajf!



*L-artiklu Għali Ambjentali did-darba ħarbilna! Elisabeth terġa' tkun magħna darb'oħra.*

# Titfu waħda d-dawl, please?

Kull xrara elettriku li nipproduċu Malta tiġi mill-pawer stejxins, u l-pawer stejxins ta' Malta jaħdmu billi jaħarqu ż-żejt. Dan ifisser li biex nagħmlu l-elettriku f'Malta nispiċċaw inħammġu l-arja bid-dħaħen li joħorġu miċ-ċmieni.

B'xorti ħażina l-ebda gvern Malti ma għadu s'issa bena pawer stejxin (imqar waħda żgħira) li taħdem bix-xemx, bir-riħ jew bil-mewġ. Forsi mitt sena oħra..! Sa ma f'Malta jkollna pawer stejxins bħal dawn, irridu nkunu aħna li ngħinu l-ambjent billi nnaqqsu mill-ħela ta' l-elettriku.

**Issa s-sajf u jdum ma jidlam - żmien tajjeb biex naqtgħu ftit mill-konsum ta' l-elettriku**. Kif?

- Billi nilagħbu inqas b'affarijiet bħal kompjuters, ġugarelli bil-batterija, mowbajls eċċ u nfittxu passatempi li ma jużawx elettriku: kotba, sport, għawm eċċ
- Billi nfittxu iktar logħob fuq barra (ġnien, bitħa, parapett, xatt il-baħar eċċ) milli fuq ġewwa. B'hekk nixegħlu inqas lampi, televixins, fannijiet u erkondixiners.
- Billi ninħaslu bil-kiesaħ flok bis-sħun, u kemm nistgħu nieħdu xawers flok banjijiet! Ftakru li l-produzzjoni ta' l-ilma tuża kwart ta' l-elettriku kollu ta' Malta!






"Il-bieraħ sparixxa kuġinuwi, illum ħija! Nixtieq naf x'inhu jiġri!!!"

## Spiċċa wkoll!

Nixtiequ navżaw li l-ktieb **Wildlife of the Maltese Islands** spiċċalna, u jidher li qiegħed out of print ukoll. Jista' jkun hawn xi ħwienet tal-kotba li baqgħalhom waħdiet. Tridu tkunu b'xortikom, però!

# Mur aqbad ktieb...

**Għażla ta' kotba x'taqraw dwar in-natura.**






## Cimru the Seal

Miktub minn Theresa Radcliffe, bi tpenġijiet stupendi ta' John Butler (Puffin 1997)

Storja bbażata fuq il-verità u tittratta t-taqbida għall-ħajja ta' foka jisimha Cimru u taż-żgħir tagħha li darba fost l-oħrajn jinġarr 'il bogħod minn ommu minħabba maltemp qawwi li jolqot l-inħawi ta' madwar ix-Shetland Islands. Naqraw ukoll kif darba minnhom waqt li Cimru tħalli ż-żgħir biex tmur tfittex l-ikel, xi orki jidħlu fil-bajja jikkaċċjaw għall-foki, l-ikel favorit tagħhom! Cimru titwerwer x'ħin tinduna x'se jiġri. Tgħum 'il ġewwa b'kemm saħħa jkollha. Tgħid jirnexxilha ssalva liż-żgħir tagħha?

*Janet Gerardi*

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...

- **Tliet pitazzi**
- **Stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**



Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Telefon ____________

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

**Ftakru, ħbieb!**
Li kieku kellkom kull
**wieħed u waħda**
minnkom illum stess
**iddaħħlu membru**
wieħed ġdid fi Klabb
**Ħuttaf, il-klabb**
f'ħakka t'għajn
**jirdoppja fid-daqs u**
fis-saħħa!
**Il-messaġġ għall-**
ħarsien ta' l-ambjent
**jidħol għand numru**
doppju ta' familji, u
**jkollna doppju ċans li**
nirbħu l-gwerra
**kontra min qiegħed**
ifaqqar lin-natura.
**Mela f'idejkom,**
ħbieb!

Klabb Ħuttaf

